# Il-Ħuttafa

Numru **150**

Jannar – Frar 2019



Zakak Abjad

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf



Victor Falzon

Il-**buttuniera** (*sweet alison*) – fjura komuni tax-xhur xitwin.

mill-editur

# Ħbieb Ħuttaf

Dan l-aħħar kelli argument ma' wieħed fuq proġett biex jibnu mostru ta' bini fuq art li m'għadhiex tinħadem.

Għedtlu: "X'ħasra ħa tinbela' biċċa oħra mill-kampanja."

Qalli: "X'kampanja hi? Din art mitluqa ta, ma tiswa xejn!"

Prosit! Mela għax m'għadhiex tinħadem ma tiswiex? B'xorti ħażina ħafna nies hekk jirraġunaw. Jekk m'intix tagħmel qliegħ minn biċċa art, mela l-art ma tiswa xejn. Din kienet roqgħa art daqs grawnd tal-futbol, li darba kienet għalqa tinħadem mill-bdiewa imma llum mitluqa.

**Imma mitluqa mill-bniedem, mhux min-natura!**

F'dik il-ħamrija żgur hemm jgħixu miljuni ta' ħlejjaq: ħniex, dud, nemel, ħanfus, fungi, ħnieżer l-art, eċċ. U peress li dix-xitwa għamlet ftit xita sew, mill-ħamrija kiber tapit aħdar ta' ħaxix. Fil-ftit ċans li kelli rajt biss biss irqajja' ta' karfus il-ħmir, buttuniera, silla, ġarġir abjad, xewk abjad, burikba, daħnet l-art u ħurrieq; u ma' ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' rajt bużbież, lellux, qarsu, tullier, ferla u anke papoċċi bojod u ħomor. Li kieku fittixt iktar kont żgur insib skoss pjanti oħrajn. U jiffangaw fuq il-weraq rajt armata bebbux, u magħhom ma jdumux ma jingħaqdu ħafna sfiefed, spalluti u xgħat (*caterpillars*) tal-friefet u l-baħrijiet. Imbagħad jiftħu l-fjuri u arahom ġejjin ruxxmata friefet, naħal, żnażan u insetti oħrajn.

U dan kollu fuq art li skont xi nies "ma tiswa xejn".

Victor Falzon



Imma intom membri tal-BirdLife li tħobbu n-natura, u għalhekk jiena moħħi mistrieħ li intom ma tirraġunawx bħal dawn in-nies.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' **Aron Tanti**

### Zakak Abjad White Wagtail *Motacilla alba*

Għasfur simpatiku li tagħrfu malajr mid-disinn tar-rix, mid-denb twil u mill-fatt li jimxi bħalna, flok jaqbeż bħall-għasafar tal-bejt. Komuni fix-xitwa u spiss tarah jiġri fl-art mal-ġnub tat-toroq, fil-kampanja, fil-btieħi tal-iskola, fil-pjazez. Meta jtir spiss isemma' l-għajta doppja: *ċi-ĊIPP! ... ċi-ĊIPP! ... ċi-ĊIPP!*

Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

# F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Servizz minsi | 4 |
| Il-lukanda! | 5 |
| Attività – Il-Mixja ta' Marzu | 6 |
| Qxur u tbajja' | 7 |
| Gawwi | 8–9 |
| Shark anatomy | 10 |
| Agħtiha l-kulur | 11 |
| Arti tagħkom | 11 |
| Il-bruka | 12–13 |
| Il-kanġu ta' Filfla | 14–15 |
| Kolina u Żeppinu | 16 |


## Kitbu f'din il-ħarġa

Martina Brancato (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Maria Farrugia (Wasteserv)

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza attivitajiet għall-familja, mixi, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena. Tista' tissieħeb ukoll il-familja kollha, li tibda tirċievi wkoll ir-rivista *Bird's Eye View* kull tliet xhur. Sħubija għall-**Familja** hija €29.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**



© BirdLife Malta, Frar 2019



Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

Reg.Vol.Org. VO/0052

# 14,475 bi ngħas

Bħalma nagħmlu kull sena, f'Jannar ta' din is-sena wkoll għamilna roost count taz-zakak abjad. X'inhu zakak abjad, u x'inhi roost count?

Iz-**zakak abjad** (*white wagtail*) huwa dak l-għasfur gustuż li taraw fil-faċċata ta' dil-ħarġa tal-*Ħuttafa*. Għasfur komuni fil-ħarifa u x-xitwa. Għasfur li spiss narawh jippassiġġa fuq xi bankina jew fil-bitħa tal-iskola jfittex frak tal-ikel li jkun waqqgħalna.

Iz-zizka bojod għandhom drawwa ħelwa li filgħaxija jfittxu siġar folti u kennija fejn jorqdu, u dan jagħmluh mhux weħidhom imma fi qtajja' kbar. Il-post fejn jinġabru għall-irqad jissejjaħ roost, u l-ikbar roost li għandna f'Malta qiegħda fil-Belt Valletta, prorprju fis-siġar fi Pjazza Assedju (quddiem il-Qorti). Biex issir roost count, grupp nies tal-BirdLife jitqassmu madwar is-swar tal-Belt u jgħoddu z-zizka deħlin itiru. Imbagħad jiltaqgħu u jgħoddu t-total.

Dan l-istudju ilu jsir mill-1986, u bi pjaċir ngħidu li r-roost tal-Belt qiegħda dejjem tikber. Fil-fatt dis-sena kien rekord assolut, b'total ta' 14,475 zakak!

Grazzi lil Denis Cachia li kull sena jorganizza dan l-istudju.




Aron Tanti

## Taf b'xi roost?

**Mhux iz-zizka bojod kollha ta' Malta jmorru l-Belt jorqdu. Jeżistu diversi roosts oħrajn iżgħar, fosthom fil-Mosta, f'Buġibba u anke f'Għawdex. Jekk hemm siġar kbar fil-pjazza tar-raħal tiegħek li fihom filgħaxija ma' nżul ix-xemx tara deħlin jorqdu z-zizka, iktbilna fuq info@birdlifemalta.org ħalli niċċekkjawha.**

# Komuni...

Il-**ferla** (giant fennel) hija pjanta sabiħa u komuni sew fil-kampanja. Anzi bħalissa huwa proprju ż-żmien li din tiftaħ bukketti kbar ta' fjuri sofor qishom blalen (kif taraw fir-ritratt), u turina kemm hi sabiħa. U n-naħal, iż-żnażan u l-ħanfus sintendi jixxalaw.

Ftit ġimgħat ilu tgħallimna li l-ferla hija iktar speċjali milli konna naħsbu. Sa ftit ilu konna mingħalina li l-ferla li tikber Malta hija l-istess speċi li tinstab fi Sqallija, fit-Tuneżija u nħawi oħrajn madwar pajjiżna.

# sabiħa...

Imma minn studju bir-reqqa li xi esperti għamlu dan l-aħħar ħareġ li hemm differenzi fil-forma, fid-daqs u fil-ħxuna tal-weraq, differenzi fil-fjuri u differenzi oħrajn li trid mikroskopju biex tapprezzahom.

Il-[1]botaniċi għalhekk qablu li l-ispeċi ta' Malta hija [2]endemika għall-Gżejjer Maltin. Fil-fatt l-isem xjentifiku tal-ferla Maltija ma baqax *Ferula communis* imma issa sar *Ferula melitensis*.

# endemika!

[1]**botaniċi**. Nies li jistudjaw il-pjanti
[2]**endemika**. Speċi li tinsab f'pajjiż jew reġjun wieħed biss

Victor Falzon



Desirée Falzon





is-Semmiegħa

Desirée Falzon

**Peter u Sylvia, Maris u Sky huma żewġ pari tewmin ħbieb b'rabta speċjali bejniethom: kull meta jaqbdu id xulxin jibdew jifhmu x'inhi tħoss in-natura!**

# Servizz minsi

It-tewmin Sylvia u Peter kienu spiss jgħaddu minn ħdejn l-għalqa ta' Karmnu. Ma tgħaddix darba li ma jisimgħuhx igorr – la xemx u lanqas xita ma kienu jikkuntentawh. Imma l-iktar li kienu jirrabjawh kienu l-għasafar tal-bejt, li skont hu kienu 'moħħhom biex jisirquh'. Darba, bis-saħħa tal-homework tal-Ingliż it-tewmin kellhom jaħsbu sew fuq il-garr ta' Karmnu!

Ms Galea kienet qed tispjegalhom il-homework.

"Il-komponiment tal-lum jismu *Taken for granted*. Aħsbu fi storja oriġinali dwar nies jew affarijiet li jagħmlu ħafna għalina bla ma aħna nagħtu kashom."

It-tewmin bdew iħokku rashom.

"Tgħid nagħmluh fuq il-Mamà u l-Papà?" qal Peter.

"Naħseb dik l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħ kulħadd," qaltlu oħtu. "Tridx naraw x'se jagħmlu Maris u Sky?"

Meta wasal tmiem il-ġimgħa l-erba' tewmin iltaqgħu bħas-soltu u flimkien marru dawra mar-raħal. Kienet ħarġet ġurnata sabiħa għall-mixi. Ix-xemx kienet sħuna wara l-maltemp li kellhom matul il-ġimgħa kollha, u anke l-insetti kienu ħarġu jirgħu.

"Ejja ngħaddu minn ħdejn Karmnu, ħa nisimgħu b'xiex qed jeqred illum," qal Peter. Maris u Sky kienu ilhom jisimgħu b'dal-bidwi qanżħa, u malajr qablu. Imma x'ħin għaddew mis-sqaq fejn kellu l-għalqa Karmenu, kien hemm il-kwiet.

"Is-santa! Mhux hawn illum," qal Peter, "X'se noqogħdu nagħmlu?"

"Għax ma ngħaqqdux idejna, ħa nisimgħu n-natura hiex qed tieħu r-ruħ li Karmnu mhux hawn joħdilhom rashom bil-garr?" wieġbet oħtu.

Bid-daħqa, l-erba' tewmin qabdu id xulxin.




Victor Falzon



Joseph Vella

Għasfur tal-bejt b'żewġ xgħat tal-farfett tal-kromb

*Krakk!*

*"Mmmmm!"*

*Krikkk!*

*"Mmmmm, xalata llum, ras! Aħħ, xi tjubija!"*

It-tewmin ħarsu lejn xulxin. Mela kellu raġun Karmnu jgħid li l-għasafar tal-bejt jisirqulu l-prodotti! Baqgħu ssummati jisimgħu u jaraw qtajja' ta' għasafar tal-bejt ġejjin u sejrin fl-għalqa bl-affarijiet f'ħalqhom.

*Żgwixxx! KKKkkkrkkk!*

*"Awċ! Weħlitli sieq!"*

"Żomm waħda!" qal Sky. "Dawk mhux il-ħxejjex qed jieklu. Dawk qed jieklu ħanfus u ħniex minn wiċċ l-għalqa..."

"Iiiii," skantat Maris, "Mela l-għasafar tal-bejt jgħinuh lil Karmnu qegħdin, mhux jisirquh!"

Fin-nofs siegħa li t-tewmin damu hemm l-għasafar tal-bejt kinsu wiċċ il-ħamrija minn ħafna ħanfus, [1]xgħat u dud. Li ma kienx għall-għasafar, dawk l-insetti kollha min jaf kemm weraq tal-ħass u tal-pastard kienu jiklulu lil Karmenu.

"Aħjar mill-aqwa bexx," daħqu t-tewmin, "Għax la jiswew flus, la jivvelenaw il-ħamrija u lanqas il-ħxejjex. Kemm neħduhom for granted is-servizzi tan-natura!"

U x'idea oriġinali kellhom għall-komponiment tal-Ingliż.

[1]**xgħat.** Il-dudu tal-farfett jew tal-baħrija (plural xgħat), bl-Ingliż *caterpillar*






# il-lukanda

Dan **bug hotel** li hemm imdendel ma' siġra fir-riserva naturali tal-Għadira. Oġġett sempliċi magħmul minn biċċiet qasab maqtugħin u marbutin flimkien. Kif taraw mir-ritratt li ttieħed ftit ġimgħat ilu, dal-bug hotel sar popolari ħafna ma' xi insetti, speċjalment iż-**żunżana tax-xehda** u l-**bomblu iswed**. Dawn isibu t-toqob eċċellenti biex jistkennu mill-kesħa, mir-riħ u mix-xita tax-xitwa. Ara kemm jirnexxilek tgħodd minnhom imrekknin u komdi fil-bug hotel.











Bank of Valletta is by my side every day, assisting me to a better financial future, whatever stage in life I am in. Bank of Valletta, my lifetime companion.

www.bov.com or contact 2131 2020

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking and investment services in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta) and the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# Waslet il-Mixja ta' Marzu

## 31 Marzu 2019




**Hekk hu. Waslet l-attività li tant minnkom tistennew. Ejjew ħudu ftit arja tal-kampanja, gawdu l-kumpanija ta' nies oħrajn li wkoll iħobbu n-natura, u fl-istess ħin forsi tgħinuna nagħmlu s-soltu ġabra għall-bżonnijiet ta' xi proġett tal-BirdLife.**












Dan il-ktieb ġentilment mogħti minn **Book Distributors Ltd**

Dis-sena għandna rotta ġdida. Tibda minn Għajn Tuffieħa u tispiċċa ħdejn ir-riserva naturali tal-Għadira. Rotta spettakolari li tgħaddina mill-qalba tal-Park tal-Majjistral mnejn ingawdu ftit mill-isbaħ veduti ta' pajjiżna filwaqt li madwarna beraħ, xagħri, irdum u baħar. Il-mixja hija twila 7km.

Data
**Il-Ħadd 31 Marzu 2019**
Niltaqgħu
**Għajn Tuffieħa**
(fil-parkeġġ ħdejn ir-Riviera)
Ħin **8.30am**

Iktar tagħrif fil-karta li qed taslilkom ma' din il-ħarġa.

Xi rigali ġentilment mogħtija minn
JUNIOR'S FUN AND LEARN CENTRE

## Familja xitwija

Dawn huma stills minn filmat ta' par **glalez suwed** (*moorhen*) b'erba' flieles ġodda u mqarbin! Dawn faqqsu fl-ewwel ġimgħa ta' Frar u għalhekk għandhom l-unur li kienu l-ewwel għasafar li bejtu b'suċċess fir-riserva naturali tas-Salina għas-sena 2019. Kmieni tassew, għax proprju f'nofs ix-xitwa! Dan mhux l-uniku par glalez li hemm fis-Salina, u nisperaw li jkun hemm iktar familji fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.

*Tistgħu taraw il-filmat fuq YouTube jekk tittajpjaw **Moorhens hatch at Salina nature reserve**.*
*Filmat ta' Nimrod Mifsud.*
*Editjar ta' Nathaniel Attard.*



# Qxur u Tbajja'
## mimlijin ħajja!

Dawn huma **likeni**, grupp ta' ħlejjaq strambi u misterjużi.

Ħafna drabi l-likeni bilkemm nagħtu kashom għax spiss naħsbuhom qxur, tiċpis u tbajja'!

Il-likeni huma affarijiet ħajjin li kapaċi jgħixu fl-iktar postijiet diffiċli – pereżempju fuq blat mikxuf, li fis-sajf taqli bajda fuqu daqs kemm ikun jaħraq!

Il-likeni jikbru fuq il-blat, fuq is-siġar u fuq il-ħamrija. Spiss jikbru ma' ħitan u ċnut antiki.

F'Malta għandna mijiet ta' speċi ta' likeni imma għadna ma nafux kemm eżatt. L-istudju għadu għaddej.

Hawnhekk hawn disa' speċi. Taħt isimhom hemm simbolu li juri fuq xhiex issibhom jikbru l-iktar.





Psora
*Psora decipiens*


Kladonja
*Cladonia convoluta*





Kaloplaka
*Caloplaca aurantia*


Verrukarja
*Verrucaria sp.*


Leħjet ix-Xiħ
*Ramalina lacera*


Kollema
*Collema tenax*


Kaloplaka
*Caloplaca flavescens*

Bl-Ingliż jgħidulhom lichens (taqbel ma' *kitchens*)


Diploiċa
*Diploicia canescens*


Ksantorja
*Xanthoria parietina*

Il-likeni huma fil-fatt żewġ ħlejjaq (alga u fungu) li jgħixu flimkien u jibbenefikaw minn xulxin.




Ritratti ta' Desirée Falzon u Victor Falzon

Grazzi lil **Jennifer Fiorentino** li għenitna nagħrfu l-ispeċi.

# Gawwi

## Tiżwiqa gawwi , fosthom

## Gawwi Rasu Kannella u Gawwi Dahru Iswed



Ritratt ta' **Aron Tanti** meħud fir-riserva naturali ta' Simeto, Sqallija

# Poster Il-Ħuttafa



# SHARK ANATOMY

**Baby shark, doo doo doo doo doo doo...**




COLOUR ME IN

## DID YOU KNOW THAT SHARKS ARE FISH?



They are just a bit different from all the other ones! Sharks don't have bones! Their skeleton is made of cartilage (the same material of our nose).



Sharks have more than 5 senses! Lots of sensors around their head, called Ampullae of Lorenzini, allow them to detect magnetic fields, finding prey that may be hiding under the sand!



On the 15th of January 2019, DEEP BLUE, the biggest great white shark in the world has been spotted in Hawaii! It was six metres long and aged around 50 years old!



Sharks are constantly replacing their teeth; some sharks use more than 30,000 teeth in their life!

The whale shark is the biggest one!
It can grow as big as a bus!



MALTA NATIONAL AQUARIUM

WWW.AQUARIUM.COM.MT

# Agħtiha l-kulur...

Victor Falzon



## il-lellux

Pjanta li f'daż-żmien tas-sena ssebbħilna l-kampanja u l-ġnub tat-toroq bil-weraq aħdar skur u bil-fjuri qishom xmux.



## Arti tagħkom

Tpinġijiet li tibagħtulna



**Tfief**
Axel Bonnici (10)

Sakemm ma jiġix xi għaref u jbexxhom kollha bil-velenu.

Jekk għandek tpinġija tan-natura li tixtieq inġibuhielek fil-magażin ibgħathielna fuq dan l-imejl: **education@birdlifemalta.org**

Matthew Borg Cardona



Issa li dieħla r-rebbiegħa jitfaċċaw l-insetti. Fost dawn insibu s-**suldat** (*soldier bug* jew *firebug*) – tip ta' seffud li jixrob is-sugu tal-pjanti. Hemm diversi speċi jixxiebhu. Dan huwa *Spilostethus pandurus*.




## Jekk tħobb l-orkidi u l-pjanti, dal-ktieb għalik!

- Ktieb ġdid dwar l-orkidi kollha ta' Malta
- Miktub minn espert
- Ippakkjat tagħrif, ritratti u mapep
- Jittratta fid-dettall 36 speċi ta' orkidi
- Numru ta' paġni 232, ilkoll bil-kulur
- Għall-bejgħ mill-Għadira u s-Simar*
- Prezz €25

*Għall-bejgħ ukoll minn ħwienet tal-kotba

## Riservi naturali • ħinijiet ta' ftuħ



### Għadira

Sibtijiet u Ħdud
10am sa 4pm

Sa l-aħħar ta' Mejju.



### Is-Simar

Nhar ta' Ħadd
10am sa 4pm

**Dħul bla ħlas!**


Desirée Falzon

# il-bruka



Qabel jaqa', il-weraq tal-bruka jibdel minn aħdar għal kannella, oranġjo u isfar. Dan jagħti dehra verament sabiħa u xitwija.

## African tamarisk *Tamarix africana*

**Minkejja isimha, il-bruka mhix biss Afrikana imma tikber naturali u indiġena f'ħafna nħawi madwar il-Mediterran, speċjalment fil-punent, u f'Malta xejn inqas.**



Victor Falzon

### forma

Il-bruka iktar tista' ssejħilha arbuxxell kbir milli siġra. Fis-selvaġġ tikber minn diversi friegħi baxxi u tifrex dlielha fil-baxx flok togħla 'l fuq. Peress li l-bruk spiss jikber f'inħawi mikxufin mal-baħar, din il-forma tgħinha tilqa' għall-irjieħ qawwija mill-baħar. Il-bruka hija waħda mill-ftit siġar Maltin li jnixxfu u jwaqqgħu l-weraq fix-xitwa (ara ritratt kbir).



Desirée Falzon

### weraq

Il-weraq tal-bruka huwa żgħir ħafna u jikber qisu ringieli skwami (*scales*). Flimkien dawn jiffurmaw geġwiġija folta ta' xniexel. Fis-sajf il-weraq tal-bruka jkun spiss imxarrab għasra. Dan għaliex mill-weraq toħroġ ħafna mluħa li tkun telgħet mal-ilma mill-għeruq. Il-bruka m'għandhiex bżonnu l-melħ u teħles minnu billi tarmih mill-weraq.



**Il-bumunqar tal-bruk *Coniatus tamarisci* huwa insett li jiekol il-weraq tal-bruka.**

Victor Falzon



Desirée Falzon

### friegħi

Il-friegħi ġodda tal-bruka jikbru twal u dritti u jkunu ta' lewn kannella ħamrani, bil-weraq aħdar ġdid jispikka fuqhom. Biż-żmien il-friegħi jiħxienu u jsiru griżi. Iz-zkuk il-ħoxnin ta' bruka xiħa jitfellu ħafna u kultant jitħaffru minn ġewwa. Il-bruka kapaċi tgħix iktar minn 100 sena – hemm xi bruk fir-riserva naturali tal-Għadira li aktarx leħqu din l-età.



Alex Casha

### fjuri

Kmieni fir-rebbiegħa l-bruka tagħmel ħafna fjuri, f'bukketti folti tawwalin bojod aktarx jagħtu ftit fl-isfar. Ħafna insetti jiġġennu għan-nektar ta' dawn il-fjuri. Dawn imbagħad iġibu għasafar, rettili, brimb, eċċ.



**Farfett tax-xewk (*painted lady)* jixrob mill-fjuri tal-bruka**

Aron Tanti

**Bis-saħħa tal-ħila li teħles mill-imluħa żejda, il-bruka kapaċi tikber u tinfirex f'postijiet max-xatt, fejn siġar oħrajn imutu bl-effett tal-imluħa. Li ma kienx għall-bruka, post bħar-riserva tal-Għadira ftit kien ikollu siġar fejn jistkennu tant annimali, fosthom għasafar li jkunu deħlin għajjenin minn fuq il-baħar. Il-bruka tagħti kenn u ħajja lil ekosistema sħiħa ta' ħlejjaq.**

Victor Falzon

# Il-Kanġu ta' Filfla

## Baħħar żgħir u qalbieni

**Għasfur żgħir li ftit nies jarawh jew jafu bih, ħlief sajjieda, baħħara... u [1]ornitoloġi!**




Hadoram Shirihai

**Isem xjentifiku** *Hydrobates pelagicus*
**Isem bl-Ingliż** European Storm-petrel
**Daqs** 15-16ċm **Piż** 25g
**Ikel** ħut, klamari, skart organiku
**Ħabitat** baħar; ibejjet f'ħofor, għerien u taħt blat mal-baħar
**Status** ibejjet f'kolonja fuq Filfla, u xi ftit f'għerien mal-baħar f'Malta u Għawdex

Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u ħwienet tal-kotba.


Joe Sultana

Il-kanġu m'għandux saħħa jqum fuq saqajh. Meta jpoġġi aktarx jitkaxkar fuq l-għekieżi. Fir-ritratt jidher kanġu żagħżugħ biċ-ċurkett li twaħħallu minn [2]ringer tal-BirdLife fuq Filfla.

Daqs proprju ta' bajda tal-kanġu ta' Filfla




Ray Galea

Żewġ flieles sufin tal-kanġu f'ħofra qalb il-ħaġar kbir ta' Filfla.


Aron Tanti

Fuq Filfla jbejtu mal-5000 par kanġu. Din waħda mill-ikbar kolonja tal-kanġu fil-Mediterran.


Joe Sultana

Munqar il-kanġu għandu t-tarf milwi 'l isfel u mnifsejh qegħdin f'tubi fuq barra tal-munqar. Dan huwa tipiku tal-grupp Procellariiformes, li jinkludi l-kanġi, iċ-ċief u l-albatross.


Chris Cachia Zammit

Bħal ħafna tajr tal-baħar, il-kanġu jħobb jistad fi gruppi.

[1]**ornitologu.** Studjuż tal-għasafar
[2]**ringer.** Studjuż tal-għasafar li jkollu liċenzja speċjali biex iqiegħed ċrieket fuq saqajn l-għasafar bħala parti minn riċerka li tissejjaħ *bird-ringing*.





# L-Avventuri ta' Kolina l-Kokka u Żeppinu ż-Żring

**Żeppinu huwa żring fuq ruħu u n-Nanna Kolina hija kokka xejn inqas fuq tagħha. Minkejja li Kolina xwejħa u Żeppinu żagħżugħ, flimkien dawn it-tnejn ikollhom avventuri mill-iktar interessanti.**






**Żeppinu.** Qed tarahom, Nanna? Taf x'jgħidulhom dawk?
**Kolina.** Iva, dawk jgħidulhom **Sort It Out** bins.
**Żeppinu.** Imma kif kollox tkun taf! Taf għaliex jintużaw ukoll?
**Kolina.** Biex jgħinuna nimmaniġġjaw aħjar l-iskart li niġġeneraw.
**Żeppinu.** Prosit Nann! Issa jien taf x'ser nagħmel?
**Kolina.** Kummiedja oħra minn tiegħek!
**Żeppinu.** Le Nanna. Din id-darba mhux talli m'iniex ser nagħmel praspar, talli ħa nagħmel avveniment. Avveniment biex ninawguraw l-użu ta' dawn ir-reċipjenti fil-komunità taż-żrinġijiet. Anki s-sindku ġej jgħid kelmtejn!
**Kolina.** Prosit Żeppinu. Hekk għandna nkunu – attivi sabiex ilkoll kemm aħna nagħtu sehemna u jkollna ambjent aħjar.
**Żeppinu.** U għadni ma għedtlekx kollox, Nann. Peress li aħna ż-żrinġijiet ftit li xejn niġġeneraw skart, għax nagħmlu minn kollox biex inżommu mat-3 Rs – *Reduce, Reuse, Recycle* – ser norganizza clean-up biex innaddfu x-xagħri mill-iskart li jħallu l-bnedmin. U l-iskart li niġbru narmuh fir-reċipjent kif suppost.
**Kolina.** Ukoll Żeppinu! Tajjeb kieku l-bnedmin ma jħammġux, imma ħeqq m'hemmx x'tagħmel – għall-inqas nippruvaw intejbu s-sitwazzjoni. Prosit, din id-darba tassew impressjonajtni.
**Żeppinu.** Qed tara Nanna. Anki żring daqsxejn fuq ruħu jista' jagħti sehmu *to Sort It Out*!




Tpinġija Victor Falzon

WASTESERV
CREATING RESOURCES FROM WASTE